# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 590/2016**

Il-Pulizija

vs

**Breyden Azzopardi**

detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 104090(M).

Illum, 18 ta' Mejju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Breyden Azzopardi quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fix-xahar ta' Awwissu, 2016 naqas li jaghti lil Maria Conti, is-somma ffissata minn xi Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu fi zmien (15) hmistax-il jum minn dak li jum li fih, skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-21 ta’ Novembru, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u ikkundannatu ghal gimgha detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellanti Breyden Azzopardi pprezentat fis-7 ta’ Dicembru, 2016 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tikkancella s-sentenza appellata u tilliberah minn l-imputazzjoni migjuba kontrih.
Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ma setghet qatt legalment u b'mod ragonevoli tasal ghall-htija ta' l-appellant bla ma tiehu in konsiderazzjoni tali fatti ta' pagament parzjali. Di piu', l-appellant ighid li tali sentenza hija nulla u dan stante li l-istess sentenza hija nieqsa mid-dikjarazzjoni dwar il-perjodi li huwa qed jinstab hati ghalihom u allura ma rrizultax car ghal liema perjodi kienet qed tirrizulta tali htija.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tat-18 ta' Mejju, 2017 il-parte civile nfurmat lill-Qorti li l-appelant hallas dak kollu dovut.

Ghaldaqstant, din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata dwar il-htija. Dwar il-piena. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tillibera lil Bryden Azzopardi taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahrejn mil-lum.